**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**24 ta' Diċembru, 2023**

# FERĦ U SLIEM

Il-Milied iġibilna xi ħaġa li jridha kulħadd: il-ferħ ġenwin u s-sliem fil-qalb. Iva, għax dan it-tifel fraġli u apparentament bla saħħa, għandu s-setgħa li jimla lill-ħajja kollha tagħna b'sensazzjoni ta' milja, ferħ li ħadd iktar minnu ma jista' jingħatalna. Il-Milied ifisser ħafna għal min hu Nisrani.

1. Bil-Milied ta' Kristu l-istorja tad-dinja tinqasam fi tnejn: f'dak li seħħ qablu u dak li ngħixu minn twelidu 'l hawn.
2. Il-Milied jagħtina dimensjoni oħra ta' min hu Alla. Għalkemm huwa omnipotenti u ma jesgħu mkien l-Iben ta' Alla għoġbu jidħol fiċ-ċokon ta' ġuf ta' Verġni. Dak li ma jesgħu mkien twieled bħalna.
3. Il-Milied huwa l-istorja ta' Alla li sab ħin għalina.
4. Il-Milied huwa avviż għalina li s-salvazzjoni ġiet fil-periferija tad-dinja.
5. Il-Milied huwa l-ġrajja tal-Imħabba t'Alla.



F'isem sħabi s-saċerdoti kollha nawguralkom Milied ta' ferħ u sliem. F'dan iż-żmien meta għandna l-opportunità li niltaqgħu u nkunu mal-membri tal-familja, mal-ħbieb, ma ninsewx lil dawk li f'dal-Milied mhux se jkollhom ikla flimkien mal-familja u niftakru wkoll f'dawk li tilfu d-dar fil-gwerer u forsi wkoll tilfu membri tal-familja.

Araw il-programm għall-mumenti tal-adorazzjoni fil-Kwaranturi.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## LAQGĦA GĦAR-ROMOL:

Infakkru u nħeġġu lir-romol kollha, irġiel u nisa, li nhar it-Tlieta 26 ta' Diċembru fis-6:00pm, hemm il-laqgħa għalihom, fil-Mużew il-qadim tal-Bniet, Triq Rakela Camilleri. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

## IS-SIĠRA TAL-KARITÀ

Bħal fis-snin l-imgħoddija, is-siġra tal-karità ġiet armata fil-knisja. Bħas-soltu, ser inkunu qed ngħinu diversi entitajiet li għandhom bżonn l-għajnuna tagħna. Inħeġġukom tkomplu tipparteċipaw billi ġġibu l-oġġetti li jkunu miktuba fuq il-karti tas-siġra.



*Il-Milied it-Tajjeb lil kulħadd!*

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am